PAUL SAMMUT

# Il-Lepidoptera Maltija

L-insetti huma grupp ta' annimali invertebrati li wieħed jista' jagħraf minn annimali oħra minħabba li dawn għandhom dejjem sitt saqajn u ġisimhom maqsum fi tliet partijiet: ir-ras, it-toraċi u ż-żaqq. In-numru ta' insetti fid-dinja huwa ta' xi miljun speċi, kważi żewġ terzi tal-ħlejjaq kollha li nafu bihom. Minħabba n-numru kbir ta' speċi, in-naturalisti, jew aħjar l-entomoloġisti qasmu l-insetti fi gruppi jew Orders. Il-Lepidoptera hija dik l-Ordni li tiġbor fiha l-friefet u l-baħrijiet, insetti li għandhom il-ġwienaħ miksija bi *scales* bħalma tkun miksija l-qoxra ta' ħuta. L-i*scales* fil-friefet huma ta' natura ferm differenti minn dawk tal-ħut u x-xebh qiegħed biss fil-mod kif qegħdin impoġġijin.

L-istudju tal-Lepidoptera fil-gżejjer tagħna jmur lura fl-1841 meta George Angas (1842), Ingliż, waqt waqfa qasira f'Malta kiteb fuq il-friefet li ra waqt ħarġiet li għamel fil-kampanja tagħna. Dan Angas wasal Malta fid-19 ta' Settembru u telaq lejn Sqallija fit-2 ta' Ottubru. Semma erba' speċi ta' friefet u, jekk ma ħax xi żball wieħed minnhom, l-*Iphiclides podalirius,* il-Farfett tar-Re, huwa l-ewwel u l-aħħar darba li ġie rrekordjat għal Malta. Studjużi oħrajn, l-aktar stranġieri komplew kitbu u żiedu aktar speċi ma' dawk ta' Angas. Fost dawn ta' min isemmi lil George Waring (1843) u William Tallack (1861).

Fl-1857, il-Professur Gavino Gulia ta serje ta' *lectures* fuq l-istudju ta' l-insetti f'Malta ġewwa l-ġonna ta' San Anton. Sena wara dawn il-*lectures* ġew ippubblikati fi ktieb. L-identifikazzjoni ta' xi wħud mid-disgħa u għoxrin speċi msemmija hija tant dubjuża li dan ix-xogħol ftit li xejn issir referenza għalih mill-istudjużi tal-Lepidoptera Maltija. Ta' min isemmi, iżda, li jekk inħallu barra lista

manuskritta ta' Dr F.X. Schembri, Rettur ta' l-Università bejn is-snin 1854-1880, f'dan ix-xogħol insibu l-ewwel referenza għall-baħrijiet Maltin. Dan il-manuskritt ta' Schembri (Caruana-Gatto 1891 b.) huwa sempliċi lista ta' friefet u baħrijiet li darba kienu jiffurmaw parti minn kollezzjoni miġbura minn Patri Ignazio Libassi Ġiżwita.

Xogħol importanti ħafna iżda fl-istess ħin kważi minsi huwa dak ta' Adolf von Andres ippubblikat fl-1916. Dan Andres kien priġunier tal-gwerra Ġermaniż f'Malta bejn Ġunju ta' l-1915 u Frar tas-sena ta' wara. Għalkemm kien maqful fi spazju xi ftit limitat ġewwa l-*Barracks* ta' Verdala, nieqsa kważi għal kollox minn kull tip ta' veġetazzjoni barra xi prodotti agrikoli li l-priġunieri stess kienu jkabbru, irnexxielu jiġbor 55 speċi ta' friefet u baħrijiet. Kien iżomm ukoll bħal djarju li fih kien iniżżel noti fuq il-bijoloġija u l-komportament ta' wħud mill-baħrijiet li hu stess irnexxielu jkabbar mill-bajda sal-farfett jew baħrija. Meta telaq minn Malta, aktarx għall-Ġermanja, ħa miegħu l-kollezzjoni li laħaq ġabar flimkien man-noti. Mill-materjal miġbur minn Andres, l-entomoloġista Ġermaniż Rebel, fl-1918 stabbilixxa speċi ġdida għax-xjenza u endemika għal Malta u li semma *Sciopteris melitensis,* il-Psike ta' Malta.

Entomoloġisti oħrajn, kemm Maltin bħall-Professur Ġanni Borg (1898, 1899, 1939), botaniku ta' fama, ċertu Briffa minn Tas-Sliema u Sciortino, (Caruana-Gatto 1891a) kif ukoll barranin bħal Gervase Mathew (1898), *paymaster* man-*navy* Ingliża, il-Franċiż Philip de la Garde (1892) u l-Ingliżi Prout (1903) u Fletcher (1904-05) ippubblikaw aktar tagħrif fuq il-Lepidoptera Maltija.

Bla dubju ta' xejn ix-xogħlijiet tal-Konti Alfredo Caruana-Gatto, ippubblikati bejn l-1891 u l-1925, ftit xhur biss qabel ma miet huma *landmark* fl-istudju tal-friefet u baħrijiet ta' gżiritna. Il-Konti Alfredo Caruana-Gatto, imwieled fl-1868, kien avukat u wieħed mill-aħjar kriminoloġisti ta' żmienu. Ħa parti attiva fil-politika; għal xi snin kien membru tas-Senat u Ministru tal-Ġustizzja għall-Partit Nazzjonalista. Għalkemm ma kienx naturalista professjonali, il-kwantità ta' xogħlijiet li ppubblika fuq l-istudju ta' l-istorja naturali tal-gżejjer Maltin jisbqu bil-bosta x-xogħlijiet ta' naturalisti oħra Maltin li qattgħu ħajjithom f'dan il-qasam. Il-Konti Caruana-Gatto ppubblika diversi xogħlijiet fuq il-Flora Maltija, fuq il-bebbux ta' l-

art u tal-baħar, fuq il-ħanfus, fuq id-dwied li jattakkaw l-uċuħ tar-raba' u l-flora in ġenerali, u fuq il-Lepidoptera. Barra minn dawn l-istudji ġabar kollezzjoni enormi ta' bebbux ta' l-art u tal-baħar, ta' Malta u ta' barra. Partijiet sostanzjali minn din il-kollezzjoni, dak li fadal minn qabel il-gwerra, issa jinsabu fil-Mużew ta' l-Istorja Naturali ġewwa l-Imdina u jiffurmaw parti mill-kollezzjoni ta' studju fis-sezzjoni tal-Molluska. Irnexxielu jiġbor erbarju ta' pjanti lokali u esotiċi. Dan l-erbarju li llum jinsab l-Argotti fih aktar minn mitt volum u eluf ta' pjanti. Mill-kollezzjoni ta' friefet u insetti oħra, li żgur li kellu, ma fadal xejn. Iż-żmien, l-umdità, id-dud u t-traskuraġni ħarbtu kollox. Il-Konti Caruana-Gatto barra milli għandu diversi speċi msemmija għalih huwa wkoll wieħed mill-ftit naturalisti Maltin li stabbilixxa diversi speċi ġodda għax-xjenza. Hekk per eżempju l-bebbux ta' l-art *Cernuella caruanae,* u l-bugħarwien *Deroceras caruanae* huma msemmija għalih waqt li s-sottospeċi *melitensis* tal-bebbuxu rari *Lampedusa imitatrix* ġie stabbilit minnu fl-1892.

Fid-diversi xogħlijiet tiegħu fuq il-Lepidoptera Maltija, Caruana-Gatto (1891a, 1905, 1925) isemmi madwar 130 speċi, kollha identifikati tajjeb, jew minnu stess jew inkella bil-għajnuna ta' speċjalisti kontemporanji mill-kontinent bħal Dr Adalbert Seitz, Dr Otto Bang-Haas u Dr O. Staudinger. Fix-xogħlijiet ta' dan l-awtur jinħass titjib enormi meta mqabbel ma' dak ta' awturi ta' qablu u bla tlaqliq wieħed jista' jqis lil dan in-naturalista bħala missier l-entomoloġija Maltija.

Pawlu Borg, ħu l-botaniku Professur Ġanni Borg, ippubblika fl-1932 xogħol li semma "The Lepidoptera of the Maltese Islands", fejn isemmi 187 speċi differenti ta' friefet u baħrijiet Maltin. Numru mhux ħażin minn dawn imma, huma speċi li la kienu rrekordjati qabel u lanqas instabu wara. Huwa misteru kif Borg isemmi l-farfett *Pieris napi,* bl-Ingliż Green-veined White, bħala farfett komuni ħafna u li jagħmel ħsara lill-prodotti agrikoli meta dan la qatt ġie osservat, maqbud jew irrekordjat minn entomoloġisti Maltin, kemm ta' qablu u anki ta' warajh. Minħabba l-ħafna żbalji li fih — mhux anqas minn 25 fil-mija ta' l-ispeċi msemmija huma dubjużi għall-Fawna Maltija — dan ix-xogħol ftit li xejn huwa ta' valur.

Imbagħad għal xi snin xejn aktar fuq il-friefet u baħrijiet. Forsi minħabba l-gwerra, in-nies ftit li xejn kellha moħħ dawn l-insetti.

Kien hemm affarijiet aktar serji fiex wieħed ried iħabbel rasu. Mhux għax l-interess waqaf għal kollox imma bħala pubblikazzjonijiet ma nsibu xejn. Is-Sur Toni Valletta fl-1939 qabad farfett ġdid għal Malta imma dan il-fatt ġie ppubblikat xi snin wara, meta l-affarijiet reġgħu ġew xi ftit għan-normal.

Toni Valletta, entomoloġista u studjuż tal-Lepidoptera Maltija, twieled Birkirkara fil-21 ta' Diċembru 1908. Fil-ħajja professjonali tiegħu kien għalliem, surmast u spettur fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Sa minn tfulitu kien dilettant tan-natura, delizzju li trabba fih meta, ta' tifel żgħir kien jaqbad il-grillijiet minn fuq il-bejt tad-dar jew kien imur jonsob ma' missieru (Valletta, 1983). Kont diġà bdejt inlesti dan ix-xogħol meta Toni daħal l-isptar. L-aħħar li kellimtu, jumejn qabel ma miet, niftakar li qal lil waħda mit-tfal bniet tiegħu biex tlestilu l-kopp ħalli meta joħroġ mill-isptar jerġa' jmur jiġbor. Toni, jew aħjar is-surmast kif kienu jsibuh il-ħbieb, baqa' attiv sa ftit xhur qabel miet. Mhux darba jew tnejn morna flimkien il-Buskett jew l-Imtaħleb bil-lampa għall-baħrijiet. Kien iħobb jikteb ħafna. Kull meta kien joħroġ jiġbor kien iniżżel dak kollu li jkun qabad flimkien ma' xi notamenti oħra. Kellu korrispondenza ħajja ma' entomoloġisti mad-dinja kollha u ħafna drabi attenda kungressi u laqgħat lepidopteroloġiċi barra minn Malta. Ħafna drabi kien isiefer biex jiġbor il-friefet. Mar xi sitt darbiet Sqallija, tliet darbiet il-Gżejjer Kanarji u ħafna darbi l-Ingilterra. Għabar ukoll tul is-sitt xhur li għamel ġewwa l-Amerika bħala Fulbright student.

Toni miet nhar il-Kunċizzjoni ta' l-1988, ftit ġranet qabel għalaq it-tmenin sena.

Valletta ppubblika l-ewwel xogħlijiet tiegħu fir-rivista "Il-Bidwi" fl-1945. Dawn l-ewwel artikli kienu ta' natura ftit jew wisq popolari u kienu jittrattaw l-aktar dawk il-friefet li kienu jagħmlu ħsara lill-uċuħ tar-raba'. Wara dawn ix-xogħlijiet tal-bidu Toni Valletta ppubblika aktar minn 60 studju fuq il-friefet u baħrijiet Maltin, minbarra numru kbir ta' studji fuq l-entomoloġija Maltija in ġenerali. L-aqwa żewġ xogħlijiet tiegħu huma "The Butterflies of the Maltese Islands" ippubblikat fl-1972 u "The Moths of the Maltese Islands" ippubblikat fl-1973. F'dawn iż-żewġ studji, barra milli jsemmi 436 speċi, hemm minjiera ta' tagħrif fuq meta jpassu ħafna minn dawn l-ispeċi, meta nsibuhom, x'jiekol id-dudu, jekk

hix speċi rari jew komuni u elf dettal ieħor. 'Il fuq minn mitt speċi msemmija f'dawn ix-xogħlijiet huma ġodda għal Malta u nstabu mill-awtur stess. F'xogħlijiet oħra kiteb fuq il-bijoloġija tal-friefet, l-ikel tad-dudu, l-ekoloġija, u fuq it-tkabbir ta' dawn l-insetti mill-bajda sa l-istadju adult. Ħafna milli nafu fuq il-friefet fi gżiritna nafuh lil dan l-istudjuż li qatta' 'l fuq minn 40 sena jistudja dawn l-insetti. Xogħol ieħor interessanti tas-Sur Valletta hija awtobijografija qasira (1983). Bħall-Konti Caruana-Gatto, Toni Valletta għandu diversi speċi ta' insetti u annimali oħra msemmija ad unur tiegħu, ħafna minnhom endemiċi.

Entomoloġista ieħor, kontemporanju u ħabib ta' Toni Valletta, kien it-tabib Karmenu Delucca, illum mejjet, li twieled f'Birkirkara imma li għadda l-parti l-kbira ta' ħajtu l-Għargħur. L-aktar li kien jinteressa ruħu kien fil-baħrijiet, speċjalment dawk magħrufa bħala mikrolepidotteri. Bejn is-snin 1948 u 1969 Dr Delucca ppubblika numru ta' studji fuq il-baħrijiet ta' Malta u rrekordja numru ta' mikrolepidotteri ġodda għal dawn il-gżejjer. Il-memorja tat-tabib għadni ngħożżha ħajja ġo fija. Kont għadni nibda ninteressa ruħi fil-friefet. Kważi kull nhar ta' Sibt wara nofs in-nhar kont nasal wasla sa għandu l-Għargħur biex nurih u jidentifikali dak li nkun qbadt f'dik il-ġimgħa. Niftakar darba qalli li waħda milli kont qbadt kienet ġdida. Lanqas ridt nemmen li kont irnexxieli nsib baħrija ġdida għal Malta. Tlabtu biex iżommha hu. Ta' ġentlom li kien għall-ewwel ma riedx, bqajt ninsisti u fl-aħħar aċċetta. Nistqarr li dak li naf fuq dan is-suġġett nafu lilu u lis-Sur Valletta. Ma rridx ninsa nsemmi li suġġett ieħor li kien ferm għal qalb it-tabib, namra li wiret mingħand missieru Vincent, kienet l-ornitoloġija. F'dan il-qasam ta' l-istorja naturali ppubblika diversi xogħlijiet fosthom lista aġġornata ta' agħsafar irrekordjati f'Malta (1969).

Fl-istess żmien, nies oħra, l-aktar Ingliżi fis-servizzi stazzjonati Malta taw kontribut siewi għall-istudju tal-Lepidoptera. Fost dawn insemmu lil ċertu Darlow (1950) li ppubblika xogħlijiet, kemm waħdu kif ukoll ma' Valletta fuq il-baħrijiet ta' Malta. Xi Maltin, bħas-Sur Guido Lanfranco taw palata sew biex poġġew l-istudju ta' l-istorja naturali eqreb lejn il-poplu b'kitbiet f'gazzetti u rivisti lokali.

Reċentement Pawlu Sammut mir-Rabat ippubblika lista sistematika u dettaljata tal-friefet u baħrijiet (1984) u li fiha l-awtur

ġabar dawk l-ispeċi li xi darba jew oħra nqabdu, jew li ġew irrapportati li nqabdu Malta. Xi ħamsin speċi huma rrekordjati ġodda għal dawn il-gżejjer. L-istess awtur ippubblika studji oħra relattivi għal fawna lepidopteroloġika Maltija. Kiteb fuq il-bijoloġija (1982c), fuq il-protezzjoni (fl-istampa), fuq l-istorja tal-Lepidoptera f'Malta (1983), u fuq it-tkabbir tal-friefet u l-ikel tad-dwied (Sammut & Valletta, 1983).

Wara dik l-introduzzjoni fuq min kienu l-istudjużi tal-Lepidoptera f'Malta, ngħaddu għal ħarsa fuq il-baħrijiet u l-friefet infushom.

In-numru ta' friefet u baħrijiet li xi darba ġew irrekordjati għall-gżejjer tagħna hu 600 (Sammut, 1984). Minn dawn madwar 14% huma speċi li għal xi raġuni jew oħra huma dubjużi għal Malta jew ġew irrekordjati bi żball. Hekk per eżempju *Idaea culoti* huwa żball ta' identifikazzjoni tiegħi stess (Sammut, 1983b); *Anaitis plagiata,* irrekordjata l-ewwel darba fl-1898 minn Mathew, trid tinqata' mil-lista minħabba l-fatt, li kien ħafna wara, għall-ħabta ta' l-1930 li ġie stabbilit li l-ispeċi li tgħix Malta u n-naħa t'isfel ta' l-Italja, għalkemm tixbah ħafna lill-*plagiata,* hija speċi oħra magħrufa bħala *Anaitis efformata.* Naraw daqsxejn fuq liema evidenza ġew irrekordjati żewġ speċi ta' baħrijiet għall-fawna Maltija. Gervase Mathew (1898) kiteb hekk: "Sibt larva waħda ta' l-*Arctia villica* mgħaffġa fi triq qrib iż-Żurrieq." Fuq speċi oħra jkompli "Ħafna darbi xammejt ir-riħa tad-dudu tal-*Cossus ligniperda,* għalkemm qatt ma sibt il-baħrija." Ta' min igħid li fl-ewwel każ id-dudu ta' l-*Arctia villica* jixbah ħafna d-dudu tal-baħrija *Phragmatobia fuliginosa melitensis* li f'Malta hija komuni ħafna. Fil-każ l-ieħor id-dudu tal-*Cossus ligniperda,* li l-Ingliżi laqqmuh "Goat moth", jitlaq riħa ta' mogħoż. Bħallikieku din kienet xi riħa estraneja għall-kampanja Maltija fi żmienu. Kif ġa rajna Gavino Gulia u Pawlu Borg huma l-ħtija ta' xi 90% minn dawn l-iżbalji. Disgħa fil-mija ta' l-ispeċi rrekordjati għal Malta huma rarissmi u ġew misjuba darba biss. Fost dawn insemmu l-*Malacosoma neustria* rrekordjata min-Naxxar f'Awissu ta' l-1956 mit-tabib Delucca (Valletta, 1973), il-*Pseudocopicuccullia biskrana* rrekordjata mill-Imrieħel f'Diċembru ta' l-1950 (Valletta, 1973). *Lithosia quadra* mill-għadira f'Awissu ta' l-1976 (Cassar, 1981) u l-*Euxoa distinguenda* maqbud fir-Rabat f'Novembru ta' l-1983 (Sammut, 1985). In-numru ta' speċi

li huma rari u li minnhom ġew irrekordjati anqas minn għaxar eżemplari jlaħħaq madwar 21%. Minn dawn hemm numru sabiħ ta' friefet fosthom *Danaus chrysippus alcippus, Polygonia agea* u l-*Euchloe belemia,* kollha maqbuda mis-Sur Valletta. Madwar 130 speċi, kważi t-22% ta' l-ispeċi kollha huma friefet u baħrijiet li wieħed la jista' jqis bħala rari ħafna u lanqas komuni. Fost dawn ta' min isemmi l-farfett *Danaus chrysippus chrysippus,* li minn meta ġie rrekordjat l-ewwel darba fl-1979 baqa' jiġi rrekordjat sal-lum; b'kollox xi ħamsin darba. L-ispeċi li fadal, xi 34% tat-total huma pjuttost komuni. Xi wħud minn dawn bħall-Farfett tal-Fejġel, *Papilio machaon,* il-Farfett taz-Ziju, *Gonepteryx cleopatra,* u l-Farfett taż-Żebbuġ, *Vanessa atalanta,* isebbħu l-ambjent bil-kuluri sbieħ tagħhom. Oħrajn, bħall-Farfett tal-Kabocċi, *Pieris brassicae,* il-Farfett tal-Kromb, *Pieris rapae* u l-Baħrija Sfinġida tad-Dwieli, *Celerio livornica,* jinkwetaw lill-bdiewa minħabba l-ħsara li jagħmlu fl-uċuħ tar-raba'. Fl-aħħar ta' min isemmi li tliet speċi ta' baħrijiet, l-*Uthetheisa pulchella,* il-Baħrija tal-Għobbejra, il-*Holocacista rivillei,* Kamla tad-Dwieli u d-*Depressaria depressana,* Kamla tal-Kemmun, għalkemm żmien ilu kienu komuni ħafna llum inqerdu għal kollox minn gżiritna. Din ta' l-aħħar inqerdet minħabba li llum ftit li xejn għadna nkabbru kemmun, fil-waqt li l-Kamla tad-Dwieli naħseb li ma felħitx għall-bexx u insettiċidi qawwija li l-bidwi għandu għad-dispożizzjoni tiegħu. Il-Baħrija tal-Għobbejra sa qabel 25 sena ilu kienet l-aktar baħrija komuni. Ma kontx tgħaddi minn għalqa fis-sajf li ma kontx ittajjar sħaba minn dawn l-insetti. Il-qerda ta' din il-baħrija aktarx hija dovuta għall-fatt li minn xi snin 'il hawn il-bdiewa tagħna bdew anki fis-sajf iħawlu varjetajiet ta' tadam, inqerdet l-għobbejra li kienet twarrad fl-istess żmien u magħha nqerdet ukoll il-baħrija. Għall-eżatezza, sentejn ilu nqabdet waħda miċ-Ċirkewwa (Vallctta, 1988). Dan però jista' jitqies bħala każ iżolat u ma hemm xejn x'juri li din l-ispeċi ser terġa' tistabbilixxi ruħha f'Malta.

Il-friefet u l-baħrijiet jinqasmu mill-istudjużi f'familji. Ħafna minn dawn il-familji, f'Malta, huma rappreżentati bi speċi waħda jew tnejn (Sammut, 1984). B'kollox hemm għoxrin, fosthom il-familji *Tischeriidae, Nolidae, Lymantriidae* u n-*Nymphalidae.* Din ta' hawn taħt hija tabella li turi wħud mill-gruppi ta' speċi l-aktar numerużi u l-perċentwali tat-total li ġew irrekordjati minn Malta.

Mil-lista neħħejt dawk l-ispeċi li huma dubjużi għal Malta.

Tabella 1

| Grupp | Numru | % |
|---|---|---|
| Friefet | 26 | 5 |
| Sfinġidi u Bombiċi | 11 | 2.1 |
| Sesidi | 4 | 0.7 |
| Pteroforidi | 21 | 4.2 |
| Piralidi | 117 | 22 |
| Ġeometridi | 61 | 11.7 |
| Noktuidi | 128 | 24.6 |

Fi Sqallija nsibu madwar 1,660 speċi (Mariani, 1938) ta' baħrijiet u friefet, imqassmin kif jidhru fit-tabella numru tnejn.

Tabella 2

| Grupp | Numru | % |
|---|---|---|
| Friefet | 103 | 6.2 |
| Sfinġidi u Bombiċi | 30 | 1.8 |
| Sesidi | 24 | 1.4 |
| Pteroforidi | 42 | 2.5 |
| Piralidi | 257 | 15.5 |
| Ġeometridi | 224 | 13.5 |
| Noktuidi | 335 | 20.2 |
| Gruppi oħra | 644 | 38.8 |
| Total | 1660 | 100 |

Jekk nieħdu pajjiż bħall-Ingilterra, fejn l-istudju ta' l-istorja naturali huwa aġġornat ferm aktar minn tagħna u ta' Sqallija, insibu li bħala total ta' baħrijiet u friefet, għall-Gżejjer Britanniċi, ġew irrekordjati mhux anqas minn 2,300 speċi (South, 1961, 1962, Emmet, 1979). Fit-tabella numru 3 ser inqabblu n-numru u l-perċentwali ta' l-istess gruppi f'Malta u Sqallija ma' dawk fir-Renju Unit.

Tabella 3

| Grupp | MALTA numru | MALTA % | SQALLIJA numru | SQALLIJA % | RENJU UNIT numru | RENJU UNIT % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Friefet | 26 | 5 | 103 | 6.2 | 78 | 3.4 |
| Sfinġidi u Bombiċi | 11 | 2.1 | 30 | 1.8 | 31 | 1.3 |
| Sesidi | 4 | 0.7 | 24 | 1.4 | 14 | 0.6 |
| Piralidi | 117 | 22.5 | 257 | 15.5 | 192 | 8.3 |
| Pteroforidi | 21 | 4.2 | 42 | 2.5 | 37 | 1.6 |
| Ġeometridi | 61 | 11.7 | 224 | 13.5 | 295 | 12.8 |
| Noktuidi | 128 | 24.6 | 335 | 20.2 | 396 | 17.2 |
| Gruppi oħra | 152 | 29.2 | 644 | 38.8 | 1257 | 54.6 |
| Total | 520 | 100 | 1660 | 100 | 2300 | 100 |

F'dawn iż-żewġ tabelli qabbilna l-aktar gruppi li huma studjati u favoriti ma' l-istudjużi tal-Lepidoptera. Il-familji jew gruppi oħra jiġbru fihom il-baħrijiet iż-żgħar u mit-tabella numru tlieta wieħed malajr jinduna li fil-waqt li f'dawk il-gruppi popolari aħna ninsabu aġġornati daqs ħaddieħor, f'dawk diffiċli u anqas attraenti waqajna xi ftit lura.

Kif tikkompara l-fawna Lepidopteroloġika Maltija ma' dik ta' gżejjer oħra fil-Mediterran? Diffiċli biex wieħed iqis il-friefet u l-baħrijiet kollha ta' kull gżira. Biżżejjed ngħidu li l-aħħar lista aġġornata tal-Lepidoptera ta' Sqallija ġiet ippubblikata fl-1939 (Mariani, 1939). Fuq friefet is-sitwazzjoni hija xi ftit aħjar. F'Malta n-numru ta' friefet indiġeni, jiġifieri dawk li nsibuhom regulari minn sena għall-oħra huwa ta' 19-il speċi. Ċipru għandha 50 (Parker, 1983) speċi, Sqallija 103 (Mariani, 1939), Korsika 55 (Higgins & Riley, 1970), Sardinja 53 (Higgins & Riley, 1970), il-Gżejjer Kanarji 26 (Fernandez, 1978), il-Gżejjer Baleariċi 31 (Manley & Allcard, 1970), Madeira għandha 12 (Mamley & Allcard, 1970) u l-Azores 4 (Higgins & Riley, 1970) biss. Il-Gżejjer Kanarji u l-Azores qegħdin fl-Atlantiku viċin il-kosta Afrikana. Wieħed malajr jasal għall-konklużjoni li l-gżejjer Maltin, f'dak li hu friefet, huma xi ftit fqar meta mqabbla ma' gżejjer oħra. Veru li aħna iżgħar minn kull

gżira li qabbilna ruħna magħha, però d-daqs mhux il-fattur waħdieni li jiddetermina jekk post għandux fawna fqira jew sinjura. L-Ingilterra li għandha 78 speċi ta' friefet hija akbar minn Sqallija li għandha 103 speċi. Fatturi determinanti huma t-tip ta' klima, l-ilma, il-kwalità ta' flora, in-nuqqas jew il-preżenza ta' ambjenti diversi bħal muntanji, boskijiet b'siġar differenti u xmajjar.

Tabella 4 — Distribuzzjoni ta' friefet indiġeni fil-gżejjer mediterranji

| | Numru ta' friefet |
|---|---|
| Malta | 19 |
| Ċipru | 50 |
| Kanarji | 26 |
| Baleariċi | 31 |
| Sqallija | 103 |
| Korsika | 55 |
| Sardinja | 53 |
| Madeira * | 12 |
| Azores * | 4 |

* Gżejjer Atlantiċi

Ftit huma dawn l-ispeċi lepidopteroloġiċi li jinstabu Malta biss. 'Il fuq minn 95% ta' l-ispeċi kollha jinstabu f'postijiet oħra. Nitkellmu issa ftit fuq id-distribuzzjoni ġeografika tal-friefet u baħrijiet li jinstabu f'Malta, u bħala eżempju għażilt grupp ieħor; din id-darba għażilt il-familja tal-baħrijiet *Noctuidae* li f'Malta nsibu, bejn dawk indiġeni u dawk li jpassu, 128 speċi. Id-distribuzzjoni ġeografika qassamtha hekk (skond Calle J.A., 1982):

a. Ewro-asjatiċi, jew speċi li jinstabu fl-Ewropa ta' fuq u parti mill-Asja li tmiss ma' l-Ewropa, bħal *Euxoa tritici,* il-Baħrija tal-Qamħ u l-*Cucullia chamomillae,* il-Baħrija tal-Kamumilla.

b. Asjatiċi-supramediterranei — parti mill-Asja u l-pajjiżi ta' l-Ewropa t'isfel li jmissu mal-parti ta' fuq tal-

Mediterran. Fost dawn insibu l-*Hadena silenes,* il-Baħrija ta' l-Ilsien l-Għasfur, u l-*Polymixis canescens,* il-Baħrija tal-Għansal.

ċ. Atlanto-mediterranei — insibuhom fi Spanja, il-Portugall, fi Franza, fil-Marokk u fi gżejjer Atlantiċi. *Mythimna prominens,* li Malta hija xi ftit rari tgħix f'dan ir-reġjun. Il-baħrija *Agrotis dirempta afflouensis,* waħda mill-akbar Noktuidi fl-Ewropa, jekk mhux l-akbar insibuha wkoll f'dan ir-reġjun.

d. Asjatiċi-submediterranei — mil-lvant nofsani għall-Afrika ta' fuq li tmiss mal-Mediterran. Eżempji *Aporophila nigra,* il-Baħrija s-Sewda tal-Ħarxajja u l-*Caradrina flava,* il-Baħrija s-Safra taċ-Ċereali.

e. Asjatiċi-mediterranei — speċi li għandhom distribuzzjoni aktar vasta li tinkludi (b) u (d) flimkien. Il-*Cucullia calendulae,* Kappoċċ Griż, hija speċi ta' dan ir-reġjun.

f. Palaeartiċi — speċi ta' distribuzzjoni ġeografika ferm akbar. Dan ir-reġjun jiġbor fih l-Ewropa kollha, parti kbira mill-Asja u l-Afrika tat-Tramuntana. Fost il-ftit speċi nisbu l-*Autographa gamma* li Malta hija komuni ħafna.

g. Etiopiċi — speċi Afrikani. Minn dawn għandna waħda biss id-*Dysgonia torrida.*

h. Tropikali u subtropikali — ġeneralment speċi li jappartienu għal reġjuni tropikali Afrikani bħall-*Helicoverpa nubigera, Xanthodes albago* u l-*Ophiusa tirhaca.*

i. Kosmopolitani — speċi li jinstabu kważi mad-dinja kollha bħall-*Helicoverpa armigera. Trichoplusia ni,* u l-*Mythimna unipuncta.*

j. Distribuzzjoni ristretta — speċi li barra li jinstabu f'Malta jinstabu wkoll f'xi pajjiżi oħra biss bħal per eżempju l-*Brythis encausta* li tinstab biss f'Malta, Sqallija u l-Greċja, u l-*Pseudocopicucullia biskrana* li tinstab Malta u Biskra.

k. Endemiċi — speċi li jinstabu fil-gżejjer Maltin biss bħall-*Blepharita vallettai.*

Tabella 5. Distribuzzjoni ġeografika tan-Noktuidi Maltin.

| Reġjun | |
|---|---|
| Ewro-asjatiku | 17 |
| Asjatiċi-suprameditерranju | 14 |
| Atlanto-mediterranju | 12 |
| Asjatiċi-submediterranju | 7 |
| Asjatiċi-mediterranju | 34 |
| Palaeartiku | 7 |
| Etiopiku | 1 |
| Tropikali u subtropikali | 18 |
| Kosmopolitan | 7 |
| Distribuzzjoni ristretta | 10 |
| Speċi endemiċi | 2 |

Daqqa ta' għajn lejn it-tabella 5 turina li 'l fuq minn 50% tan-Noctuidi Maltin, u dan igħodd ukoll għall-bqija tal-Lepidoptera tagħna, huma mifruxa fil-pajjiżi qrib tagħna u li x-xtut tagħhom imissu mal-Mediterran.

Element importanti fil-fawna u l-flora ta' pajjiż, speċjalment ta' gżira huma l-ispeċi endemiċi. F'Malta nsibu numru mhux ħażin ta' ħlejjaq u pjanti endemiċi. Il-gżejjer Maltin ġew iffurmati fil-perijodu ġeoloġiku magħruf bħala Pliocene. Fil-perijodu ta' wara, fil-Pleistocene l-livell ta' l-ilma fil-Mediterran niżel u tela' skond il-fażijiet glaċjali u interglaċjali. Xi żmien il-livell tal-baħar kien tant baxx li l-gżejjer Maltin aktarx kienu magħquda ma' Sqallija u l-baħar li llum jifridna mill-kosta Afrikana kien qisu xi wied. L-aħħar perijodu glaċjali beda xi 18,000 sena ilu u biex il-livell tal-baħar laħaq dak kif nafuh illum kellhom igħaddu madwar 10,000 sena. Il-gżejjer Maltin bil-flora u l-fawna tagħhom, inqatgħu mill-kumplament ta' l-Ewropa u l-Afrika. Dan l-iżolament iffavorixxa l-ħolqien ta' ħlejjaq endemiċi. F'Malta, bħal f'kull gżira oħra, l-endemiżmu mhux xi fenomenu rari jew ristrett għal xi grupp partikulari tal-fawna jew flora. Kważi f'kull grupp ta' organiżmi

nsibu speċi endemiċi speċjalment dawk sedentarji jew li mhux kapaċi jtiru għal distanzi twal. Bħala flora nsemmu d-*Darniella melitensis* (Brullo, 1984) bil-Malti Xebb jew Siġra ta' l-Irmied, *Euphorbia melitensis,* it-Tengħud tax-Xagħri u l-*Cremnophyton lanfrancoi,* bil-Malti Bjanka ta' l-Irdum.

F'Malta nstabu numru konsiderevoli ta' fossili ta' mammiferi u vertebrati oħra endemiċi. Fost dawn l-aktar magħrufa huma l-*Elephas falconeri,* l-*Elephas mnaidrensis* u l-*Elephas melitensis* iljunfanti mhux akbar minn metru u nofs għoli. Fost il-vertebrati endemiċi li għadhom magħna sal-lum xieraq insemmu l-gremxula ta' Malta, *Podarcis filfolensis.* Din l-ispeċi mhux talli hija endemika għal Malta imma kull gżira fl-arċipelago Malti għandha sottospeċi distinta. Hekk il-*Podarcis filfolensis* insibuha fuq Filfla, is-sottospeċi *generalensis* tgħix fuq il-gżira tal-Ġeneral, f'Għawdex, is-sottospeċi *kieselbachi* tgħix fuq il-gżejjer ta' San Pawl, fil-waqt li s-sottospeċi *maltensis* insibuha mifruxa f'Malta, f'Għawdex u f'Kemmuna (Lanza, 1972). In-numri ta' invertebrati endemiċi huwa ferm akbar. *Spelaeoniscus vallettai* (Caruso, 1975) u *Bathytropa schembrii* (Caruso & Lobardi, 1982) huma tnejn fost il-ħames speċi ta' ħnieżer l-art endemiċi għal Malta. Fil-Molluska nsibu diversi speċi endemiċi bħal *Gibbula nivosa,* Bebbuxu tal-Borra, speċi marina li llum saret rari ħafna, *Pomatias sulcatus melitense,* Bebbuxu tal-Fossa (Lanfranco, 1974), il-*Murella melitensis,* Bebbuxu tal-Bjut u l-Bugħarwien tal-Maqluba, *Derceras golcheri.* Insetti għandna xi ftit ukoll. Insemmu d-dubbiena *Ogcodes schembri* (Chvala, 1980) u l-ħanfusa *Stenostoma melitense* (Cameron, 1907).

Nagħlaq b'ħarsa xi ftit dettaljata fuq l-ispeċi ta' friefet u baħrijiet endemiċi għall-gżejjer tagħna. Fil-parti l-kbira minn dawn, l-isem Malti ma kienx jeżisti u ppruvajt insib wieħed addattat għal dawk li ma kellhomx. L-istess għamilt f'dawk l-ispeċi tal-Lepidoptera li semmejt bl-isem xjentifiku tagħhom f'dan ix-xogħol.

1. *Sciopetris melitensis* Rebel, 1919
   Malti: Psike ta' Malta

Speċi rarissima u forsi wkoll diġà estinta għal kollox. Ġiet deskritta għall-ewwel darba minn baħrija raġel minn fost il-materjal miġbur fl-1915 mill-Ġermaniż Andres. Amsel fl-1953 reġa'

ddeskriva l-istess speċi, anki din id-darba minn baħrija raġel misjuba minn Toni Valletta f'Jannar ta' l-istess sena mill-Għargħur. Ma għandna l-ebda ħjiel fuq kif inhi l-baħrija mara, x'jiekol id-dudu, jew il-bijoloġija ta' dan l-insett. Mid-deskrizzjoni oriġinali nafu biss li l-baħrija hija xi 10 mm ġwienaħ miftuħin u ta' kulur griż safrani.

2. *Antitinea deluccae* Amsel, 1954

Malti: Kamla Rari

Deskritta minn baħrija raġel, maqbuda mix-Xlendi, Għawdex fid-9 ta' Settembru ta' l-1953 mit-tabib Delucca. F'dan il-każ George Amsel stabbilixxa anki *Genus* ġdid għal din l-ispeċi. Il-baħrija hija żgħira ħafna, xi 8.5 mm, bil-ġwienaħ twal u rqaq. Il-ġwienaħ ta' quddiem, il-frenża mad-dawra tagħhom u r-ras huma ta' kulur kannella fl-isfar.

Anki din il-baħrija, bħal ta' qabilha, hija rari. L-eżamplar li fuqu ġiet deskritta l-ispeċi u f'dan il-każ anki l-*Genus* huwa l-uniku wieħed li nafu bih sa issa. Ma nafu xejn aktar fuq din l-ispeċi, lanqas kif inhi l-baħrija mara u l-bijoloġija ta' l-ispeċi. Il-lokalità tipika, jiġifieri l-post minn fejn tkun inqabdet l-ewwel darba, illum ġiet żviluppata f'kumpless turistiku u mhix ħaġa kbira li l-ispeċi hija diġà estinta.

3. *Praeacedes deluccae* Amsel, 1954

Malti: Kamla Rqiqa

Deskritta minn Amsel bħala endemika għal Malta minn materjal miġbur minn Delucca mill-Għargħur fl-1951. F'xogħol ieħor (Amsel, 1955), l-istess awtur spjega kif din l-ispeċi hija sinonima mat-*Tinea thecophora* Walsingham, 1907. Reċentement, l-ispeċjalista ta' dan il-grupp ta' mikrolepidoptera, L. Gozmany ta' l-Ungerija, kompla issinonimizza din l-ispeċi mal-*Praeacedes atomosella* Walker, 1863, li għandha distribuzzjoni mal-Mediterran kollu.

Din l-ispeċi, għalhekk, mhix endemika. Il-baħrija hija żgħira, xi 10 mm biss, u ta' kulur sewdieni. Hija rari u sa llum ġiet irrekordjata mir-Rabat, ir-Raħal il-Ġdid, il-Għargħur u x-Xlendi f'Għawdex.

4. *Pterolonche vallettae* Amsel, 1955
Malti: Rixa Griża

Deskritta minn żewġ baħrijiet irġiel maqbuda, waħda mill-Mistra u l-oħra mil-Lippija limiti ta' l-Imġarr. Iż-żewġ baħrijiet inqabdu minn Toni Valletta fl-1953.

Baħrija ta' daqs ta' xi 20 mm, bi ġwienaħ twal u dojoq ħafna. Il-ġwienaħ ta' quddiem huma ta' kulur bajdani waqt li ta' wara huma ta' kulur griż. Għandu mnejn għadha tinstab fil-Lippija.

5. *Apatema fasciata melitensis* Amsel, 1954
Malti: Susa tal-Faxxi

Deskritta bħala endemika minn żewġ baħrijiet irġiel maqbuda mit-tabib Delucca mis-Salini fid-9 ta' Ottubru ta' l-1950. Is-sottospeċi *melitensis* però llum il-ġurnata hija mitqiesa sinonima ma' *Apatema mediopallidum* Walsingham, 1900, speċi komuni u mifruxa mal-Mediterran kollu. Għalhekk din is-sottospeċi ma tistax titqies aktar bħala endemika għal Malta.

Il-lokalità tipika ta' din il-baħrija kienet fejn illum hemm Kennedy Grove. L-olotip jinstab fil-kollezzjoni ta' Toni Valletta filwaqt li l-paratip suppost li qiegħed fil-kollezzjoni ta' Dr Amsel.

6. *Oecogonia deluccai* Amsel, 1952
Malti: Susa tat-Tikek

Speċi oħra rari ħafna, deskritta għall-ewwel darba minn baħrija raġel maqbuda fil-21 ta' Ottubru 1950 mit-tabib Delucca mis-Salini.

Baħrija żgħira ta' xi 12-il millimetru ta' kuluri deħbieni b'marki suwed fuq il-ġwienaħ ta' quddiem. Il-ġwienaħ ta' wara huma ta' kulur griż ċar. Għalkemm il-lokalità tipika llum ġiet żviluppata f'kumpless turistiku, jidher li tinstab f'lokalitajiet oħra f'Malta. Żewġ eżemplari ġew irrekordjati fl-1981 mill-Imtaħleb.

7. *Symmoca melitensis* Amsel, 1954
Malti: Susa Bajda

Speċi ta' xi 15-il millimetru f'daqs. Il-ġwienaħ ta' quddiem huma griżi ċari. Deskritta minn materjal (raġel u żewġ nisa) maqbuda mis-Salini f'Marzu ta' l-1952.

L-olotip, raġel, u wieħed miż-żewġ paratipi jinstabu fil-kollezzjoni ta' Delucca fil-waqt li l-paratip l-ieħor jinstab fil-kollezzjoni ta' Amsel fil-Ġermanja.

L-aħħar li nafu li nqabdet din il-baħrija endemika kien fl-1955 (Valletta, 1973). Ma nafu xejn fuq il-bijoloġija ta' din il-baħrija.

8. *Epidola melitensis* Amsel, 1955
Malti: Susa Griża

Deskritta minn materjal maqbud mill-Ġnejna fit-3 ta' Settembru 1953 u minn Wied il-Lunzjata f'Għawdex fl-10 ta' l-istess xahar.

Mikrolepidoptera żgħira, bejn 9 u 10 millimetri. Il-ġwienaħ ta' quddiem huma ta' kulur griż fl-isfar filwaqt li dawk ta' wara huma griżi. Kull ma nafu li ġew irrekordjati huma l-ħames baħrijiet irġiel, kollha maqbuda minn Delucca u li fuqhom ġiet deskritta din l-ispeċi endemika.

9. *Megacraspedus lativalvellus* Amsel, 1954
Malti: Susa Safra

Baħrija rari ħafna. Ġwienaħ ta' quddiem huma ta' kulur isfar fil-kannella u ta' wara griżi. Tilħaq daqs ta' xi 14-il millimetru. Nafu biss bi tliet eżemplari rġiel maqbuda mis-Salini f'Marzu ta' l-1952 mit-tabib Delucca u li minnhom ġiet deskritta l-ispeċi. L-olotip u wieħed mill-paratipi jinstabu fil-kollezzjoni ta' Delucca. Il-paratip l-ieħor jinstab fil-kollezzjoni ta' Amsel.

Ma nafu xejn aktar fuq din l-ispeċi, la kif inhi l-mara u lanqas għandna tagħrif fuq il-bijoloġija tagħha. Forsi llum il-ġurnata diġà estinta għal kollox.

10. *Aphelia amplana* Hubner, 1825. f. *vallettai* Bradley, 1953
Malti: Baħrija s-Safra tal-Għansal

L-ispeċi *amplana* mhix endemika imma f'Malta nsibu l-forma *vallettai* li tinstab hawn biss. Filwaqt li fl-ispeċi l-ġwienaħ ta' quddiem huma sofor bi tbajja' kbar kannella, fil-forma *vallettai* l-ġwienaħ huma kompletament sofor.

Mhix xi speċi rari fi gżiritna. Id-dudu huwa ta' kulur blu skur kważi vjola, b'tikek bojod. Igħix fuq il-weraq tal-Għansal billi jħit it-truf ta' werqa bi speċi ta' ħarir u jgħix magħluq ġo fiha sakemm isir fosdqa. Meta tfaqqas il-baħrija, biex tkun tista' ttir, trid ittaqqab toqba żgħira fil-werqa fejn tkun għexet.

11. *Cydia (Kennellia) sammuti* Diakonoff, 1985

Malti: Susa tal-Prinjoli

Mikrolepidoptera rari ħafna. Inqabdet darba biss, mill-Buskett f'Ġunju ta' l-1981 mill-awtur.

Baħrija żgħira ta' xi 13-il millimetru. Il-ġwienaħ ta' quddiem huma ta' kulur kannella fl-aħmar, b'marki transversali kulur il-fidda fil-parti ta' quddiem. Fin-naħa ta' barra hemm dabra ftit aktar ċara bi tliet strixxi qosra ta' kulur iswed. Il-ġwienaħ ta' wara huma ta' kulur kannella fl-isfar, kważi transparenti.

L-olotip, raġel, jinstab fir-Rijksmuseum ta' l-Olanda.

12. *Coleophora mellechella* Toll, 1962

Malti: Kamla taż-Żagħżigħa

Waħda mill-iżgħar baħrijiet. Bilkemm tilħaq l-għaxar millimetri. Deskritta bħala endemika minn materjal aktarx maqbud mill-Mellieħa minn Delucca. Fid-deskrizzjoni oriġinali ma hemmx indikat meta nqabdet l-ewwel darba din il-baħrija. F'xogħol ieħor, Baldizzone (1982) issinonimizza din l-ispeċi ma' oħra, il-*Coleophora conyzae* Zeller, li għandha distribuzzjoni aktar vasta. F'Malta din il-baħrija hija xi ftit rari u l-aħħar li ġiet irrekordjata kien fl-1981 mir-Rabat.

13. *Phycitoides saxicola* Vaughan, 1870 ssp. *vallettae* Amsel, 1951

Malti: Kamla tax-Xagħri

Oriġinarjament deskritta bħala *Homoeosoma vallettae* minn materjal maqbud fis-7 ta' Ottubru 1950 minn Valletta mill-Mistra. F'reviżjoni li saret f'dan il-grupp, l-ispeċi *vallettae* ġiet imniżżla għal-livell ta' sottospeċi u trasferita għall-ispeċi preżenti.

Baħrija ta' daqs ta' xi 14-il millimetru. Il-ġwienaħ ta' quddiem huma ta' kulur griż b'xi marki żgħar suwed. Għalkemm il-lokalità

tipika ġiet żviluppata f'kumpless turistiku (Mistra Village), din il-baħrija nstabet dan l-aħħar fl-Imtaħleb. Il-fatt li dan is-sottospeċi nstabet flimkien ma' l-ispeċi tipika jindika li s-sottospeċi *vallettae* hija biss xi forma morfoloġika u forsi b'xi reviżjoni futura tiġi ssinonimizzata ma' l-ispeċi tipika.

L-olotip u l-allotip jinstabu fil-kollezzjoni ta' Toni Valletta.

14. *Agdistis symmetrica* Amsel, 1955
Malti: Pjuma tat-Tikek

Baħrija bi ġwienaħ twal u dojoq, ta' daqs ta' xi 20 millimetru u ta' kulur griż b'xi tikek żgħar bojod.

Din il-baħrija nqabdet darba biss, minn Baħar iċ-Ċagħaq fl-20 ta' Awissu ta' l-1953 minn Toni Valletta. Ma nafu xejn fuq il-bijoloġija ta' din l-ispeċi endemika. Tixbah ħafna lill-ispeċi li sibt xi snin ilu fir-Rabat, l-*Agdistis satanas,* għalkemm l-apparat ġenitali huwa ferm differenti.

15. *Agdistis melitensis* Amsel, 1954
Malti: Pjuma Żgħira

Din il-baħrija tixbah lil ta' qabilha, imma hija xi ftit iżgħar. Irrekordjata mis-Salini fl-1952 u 1953. Għalkemm il-lokalità tipika llum hija żviluppata jidher li tinstab f'postijiet oħra f'Malta. Fl-1982 sibtha fir-Rabat, l-Imtaħleb u f'Ħaż-Żebbuġ.

16. *Aciptilia spicidactyla* Chretien, 1923, ssp. *insularis* Bigot, 1961
Malti: Pjuma tas-Swaba'

Oriġinarjament deskritta bħala speċi endemika minn materjal miġbur minn Delucca mill-Ġnejna, Għargħur u mill-Mellieħa. L-olotip li nqabad fit-3 ta' Settembru 1953 jinstab fil-kollezzjoni ta' Bigot filwaqt li l-paratipi li jinstabu fil-kollezzjoni ta' Delucca nqabdu xi sitt snin wara.

Illum din is-sottospeċi ġiet issinonimizzata ma' speċi oħra, il-*Pterophorus malacodactyla* Zeller, li hija mifruxa mal-Mediterran kollu. Din l-ispeċi li allura mhix endemika hija rari fil-gżejjer tagħna.

17. *Papilio machaon* L., 1758 ssp. *melitensis* Eller, 1936

Malti: Farfett tal-Fejġel; Farfett tar-Reġina

Eller kien fired il-Farfett tal-Fejġel bħala sottospeċi distinta u endemika però dan il-bdil ma tantx ġie milqugħ minn Lepidopteristi kemm ta' żmienu u wisq aktar ta' warajh. Fil-fatt il-popolazzjoni ta' Malta ta' din l-ispeċi nirreferu għaliha bħala s-sottospeċi *sphyrus* Hubner, li tinstab mifruxa fin-naħa t'isfel ta' l-Ewropa. Personalment inħoss li s-sottospeċi *melitensis* hija sinonima mas-sotto speċi *sphyrus* u għalhekk mhix endemika.

18. *Gonepteryx cleopatra* L., 1758, ab. *vallettae* Haworth, 1977

Malti: Farfett taz-Ziju

Il-Farfett taz-Ziju huwa wieħed mill-isbaħ li nsibu f'Malta. Il-farfett raġel huwa ta' kulur isfar ħadrani b'dabra kbira oranġjo fil-ġwienaħ ta' quddiem. Il-mara hija ta' kulur abjad ħadrani mingħajr il-marka oranġjo.

'Aberration' *vallettae,* li sa llum tidher li hija endemika għal Malta ġiet deskritta fl-1977 minn żewġ eżemplari, wieħed imfaqqas mill-bajda u l-ieħor maqbud mill-Buskett.

F'din l-'aberration', li aktarx li hija ta' natura ġenetika u li hija ristretta għall-friefet irġiel biss, il-marka oranġjo hija nieqsa għal kollox.

Għalkemm il-popolazzjoni tal-*cleopatra* fil-Buskett hija f'saħħitha u stabbli, sa llum ma ġewx irrekordjati aktar eżemplari ta' din l-'aberration'.

19. *Hipparchia aristeus algirica* Obth., 1870, f. *vallettai* DeLattin, 1952

Malti: Farfett Kannella ta' l-Alġerija

Deskritta l-ewwel darba bħala sottospeċi ta' l-*algirica.* L-*algirica,* illum hija mitqiesa bħala sottospeċi tal-*Hipparchia aristeus* u għalhekk il-*vallettai* hija biss forma ta' l-*algirica.*

Din il-forma nqabdet biss darba, nhar it-23 ta' Mejju ta' l-1939 min-Naxxar minn Toni Valletta. F'Awissu ta' l-1910, ċertu Harford, kurunell Ingliż, qabad farfett jixbah ħafna lil dan, jekk mhux ukoll l-istess speċi.

20. *Maniola jurtina hyperhispulla* Thomson, 1973
Malti: Farfett Kannella

Farfett komuni ħafna li nsibuh bejn l-aħħar ta' April u l-aħħar ta' Settembru. Il-farfett raġel huwa ta' kulur kannella fl-iswed waqt li l-mara hija ta' kulur kannella aktar ċar. Ilaħħaq mal-ħamsin millimetru. Id-dudu jgħix fuq speċi differenti ta' Graminaċi.

Sa minn dejjem konna nqisu dan il-farfett bħala identiku mas-sottospeċi *hispulla* li hija mferrxa sew fi Sqallija u f'postijiet oħra. George Thomson, entomoloġista Skoċċiż li studja sew dan il-grupp, fired il-popolazzjoni Maltija bħala sottospeċi ġdida u endemika. Id-differenza bejn il-*hyperhispulla* u sottospeċi oħrajn hija minima u ta' natura anatomika.

21. *Phragmatobia fuliginosa melitensis* Bang-Haas, 1927
Malti: Ir-Rubin

Speċi komuni ħafna. Il-ġwienaħ ta' quddiem huma ta' kulur kannella skur waqt li ta' wara huma ta' kulur aħmar b'xi marki suwed. Tilħaq daqs ta' xi 32 millimetru. Id-dudu huwa iswed, miksi b'ħafna xagħar qasir kannella. Jiekol pjanti differenti, speċjalment l-ispeċi tal-Genus *Plantago*.

Din l-ispeċi ġiet deskritta minn materjal miġbur minn ċertu Brakenhiem, li aktarx kien priġunier ieħor tal-gwerra ma' Andres.

22. *Mythimna putresens vallettai* Boursin, 1952
Malti: Baħrija tax-Xagħri

Deskritta minn materjal miġbur minn Valletta u Delucca fl-1948. Din is-sottospeċi tilħaq xi 27 millimetru, ta' kulur kafellatte ċar b'sinjal iswed fil-ġwienaħ ta' fuq. Il-ġwienaħ ta' taħt huma bojod. Id-dudu jiekol varjetà ta' pjanti, l-aktar dawk tal-familja tal-Graminaċi.

Mhix komuni ħafna għalkemm mifruxa sew ma' Malta kollha.

23. *Blepharita vallettai* DeLaever, 1981
Malti: Il-Melvizza ta' Valletta

Din l-ispeċi, li f'Malta hija komuni ħafna, minn dejjem kienet meqjusa bħala l-ispeċi *Blepharita solieri spinosa.* Din l-ispeċi ta' l-aħħar insibuha mifruxa sew fi Spanja, l-Italja u fi Franza.

Il-Franċiż Edward DeLaever, fuq materjal miġbur minn Valletta bejn is-snin 1977-79, fired il-popolazzjoni lokali ta' din il-baħrija bħala speċi differenti u għalhekk endemika.

Il-baħrija tilħaq daqs ta' xi 40 millimetru. Il-ġwienaħ ta' quddiem huma kannella b'marka waħda bajda u oħrajn kannella ċari. Il-ġwienaħ ta' wara huma ta' kulur abjad fil-baħrija raġel u fil-baħrija mara huma xi ftit imtebbgħa bl-iswed.

Id-dudu, bħal f'ħafna noktuidi, mhux partikulari fid-dieta u jagħmel użu minn diversi pjanti bħala ikel.

BIBLJOGRAFIJA:

AMSEL H.G. 1950: Neue microlepidopteron aus Marocco, Malta und dem Lebanon. *Bull. Soc. Sc. Nat. du Maroc.* 30: 178-179. 1951: Eine neue maltesische *Homoeosoma. Mitt. Munchener Ent. Gesellschaft.* XLI (1951): 248-250. 1952: Two new Microlepidoptera from Malta. *Entomologist.* 85: 172-174. 1954: Neue Pterophoridae, Gelechiiden und Tineiden aus Palastina und Malta. *Bull. Soc. Fouad. ier. Entom.* 38: 51-57. 1955: Uber Mediterrane Microlepidopteren und Einige Transcaspische Arten. *Inst. Royal Sc. Nat. de Belgique.* Tome XXXI (83). pp. 64.

ANDRES von A., 1916: Verzeichnisdar wahrend meiner Kreigsgefangeschaft von mir auf Malta gesamelten Lepidoptera. *Ent. Rundschau.* 33(9): 43-54, (10): 48-49, (11): 50.

ANGAS G.F., 1842: A ramble in Malta and Sicily in autumn of 1841. pp. vii + 168. Smith, Elder & Co., Cornhill. 1842.

ARENBERGER, von E., 1977: Die palaearktischen *Agdistis*-Arten (Lepidoptera, Pterophoridae). *Beitr. natuk. Forsch. SudwDtl.* 36: 185-22.

BALDIZZONE G., 1982: Contributi alla conoscenza dei Coleophoridae XXVII. *Riv. Piem. St. Nat.* 3(1982): 145-161.

BANG-HAAS O., 1927: Horae Macrolepidopterae Palaeartica 1: 57, t.8, f.8.

BIGOT L., 1961: Un nouvelle variete d'Aciptilia. A. *spicidactyla insularis* nova. *Lambellionea* 61(7-8): 49-51.

BORG J. 1898: *Carpocapsa pomonella* L. *Daily Malta Chronicle* December 29th.

BORG J. 1899: *Mamestra brassicae* L. *Daily Malta Chronicle* January 9th.

BORG J. 1939: Our Insect Visitors. *Archivum melitense* 10(4):196.

BORG P., 1932: The Lepidoptera of the Maltese Islands. Government Printing Press. Malta. pp. v + 25.

BOURSIN C., 1952: A new Maltese subspecies of *Leucania putrescens* Hubner. *Entomologist.* 85: 132.

BRADLEY J.D., 1953: A new form of *Tortrix amplana* Hb., from Malta. (Lep. Tortricidae). *Entomologist.* 86: 67.

CALLE J.A., 1982: Noctuidos españoles. *Ministero de Agricultura, Pesca y Alimentacion.* pp. 430, pl. 56.

CAMERON N. & CARUANA-GATTO A., 1907: A List of the Coleoptera of the Maltese Islands. *Trans. Ent. Soc. London.* 59 (3): 383-403.

CARUANA-GATTO A., 1891a: Notes on the Lepidoptera of Malta. *Mediterranean Naturalist.* 1(6): 85-88, (7): 106-107. 1891b: Prima contribuzione alla Fauna Lepidotterologica dell'Isola di Malta. *Riv. Ital. Sc. Nat.* XI (5): 2-8. 1905: Seconda contribuzione alla fauna lepidotterologica dell'Isola di Malta. Eteroceri. *Tipografia del* 'Malta', Valletta. p. 32. 1925: Di Alcune Specie di Farfalla Erratiche Catturate o Osservate in Malta. *Archivum melitense* 6(4): 155-159. 1926: Primo contributo alla conoscenza dei Zoocecidii delle Isole Maltesi. *Estratto dall'Archivum Melitense.* Empire Press, Valletta, Malta. pp. 24.

CARUSO D., 1975: *Spelaeoniscus vallettai,* nuova specie di isopodo terrestre dell'isola di Gozo. *Animalia.* 2 (1-3): 59-66.

CASSAR L.F., 1981: *Lithosia quadra* at Għadira. *Potamon* 6:72.

CHVALA M., 1980: Two new European *Ogcodes* species (Diptera: Acroceridae). *Acta Entomologica bohemoslovaca.* 77: 131-137.

DARLOW H.M. 1950: Additions to the list of the Lepidoptera of Malta. *Entomologist.* 83: 269-271.

De LAEVER E., 1980: Considerations sur le Genre *Blepharita* Hampson et *Blepharita vallettai* species nova. *SHILAP: Revta. Lepid.* 8 (31): 197-200.

De La GARDE P., 1892: Mediterranean Lepidoptera. *Mediterranean Naturalist.* Feb. 133-134. 1898: Mediterranean Lepidoptera. *Entomologist.* 82: 8-11.

De LATTIN G., 1952: Two new subspecies of *Hipparchia semele* L. *Ent. Rec.* 64: 335-336.

DELUCCA C., 1948: Some species of Crambinae observed in Malta. *Entomologist* 81: 228. 1965: The Place of the Lepidoptera in the Zoogeography of the Maltese Islands. *Rapports et Proces-verbaux de reunions de la C.I.E.S.M.M.*, 18 (2): 511-515. 1969b: A Revised Check-List of the Birds of the Maltese Islands. Classey, England, pp. 96.

DIAKONOFF A., 1986: Two new Grapholitini from Malta and Madeira (Lepidoptera. Tortricidae). *Nota Lepid.* 9 (3-4): 170-174.

ELLER K., 1936: Die Rassen von *Papilio machaon* L. *Abhdl. Bayerischen Akad. Wiss.* 36: 42.

EMMET A.M., 1979: A Field Guide to the Smaller British Lepidoptera. *Brit. Ent. & Nat. Hist. Soc.* pp. 271.

FERNANDEZ J.M., 1978: Los Lepidopteros Diurnas de las Islas Canaries. *ACT. Aula de Cultura de Tenerife.* pp. 32 + pl. 6.

FLETCHER T.B., 1904-05: A preliminary list of the Lepidoptera of Malta. *Entomologist.* 37: 273-276; 315-319; 38: 18-20.

GULIA G., 1858: Corso elementare di Entomologia Maltese dato nel Palazzo di Sant'Antonio. Lezione quarta. Classe sesta. *Government Printing Press.*

HIGGINS L.G. & RILEY N.D., 1970: A Field Guide to the Butterflies of Britain and Europe. Collins, London, England. pp. 380.

HOWARTH T.G., 1977: A Remarkable Aberration of *Gonepteryx cleopatra* L., from Malta. *Ent. Rec.* 99: 72.

LANZA B., 1972: Gli anfibi e i rettili delle isole circumsiciliane. *Lav. Soc. Ital. Biogeogr.* 3: 755-804.

MANLEY W.B. & ALLCARD H.G., 1970: A Field Guide to the Butterflies and Burnets of Spain. Classey, England. pp. 192 + 40.

MARIANI M., 1938: Fauna Lepidopterorum Siciliae. *Estratto dalle Memorie della Società Entomologica italiana.* 17: 129-187.

MATHEW G.F., 1898: Notes on the Lepidoptera from the Mediterranean. *Entomologist* 31: 77-84; 108-116; 141.

PARKER R., 1983: The Butterflies of Cyprus. *Entomologist's Gaz.* 34: 17-53.

REBEL H., 1918: Zur Kenntnis palaearktischen Talaeporiiden. *Deutsche Entom. Zeitchrift 'IRIS'* 32: 96-97.

SAMMUT P.M., 1982: Eine Revision uber die Tagfelterfauna (Lepidoptera, Rhopalocera) der maltesischen Inselgruppe. *Ent. Nachr.* 1983a: History of Butterfly Collecting. *The Times* June 29th. 1983b: Die Geometriden der Maltesischen Inseln (Lepidoptera: Geometridae). *Neue Ent. Nachr.* 6: 61-64. 1984: A Systematic and Synonymic List of the Lepidoptera of the Maltese Islands. *Neue Ent. Nachr.* 13: 1-124. 1985: Further Additions to the Lepidoptera of the Maltese Islands. *SHILAP Revta. Lepid.* 13(52): 304-306.

SAMMUT P.M. & VALLETTA A, 1983: Die Praimaginalstadien von *Gegenes pumilio* Hoffmannsegg, 1804 (Lepidoptera: Hesperiidae). *Neue Ent. Nachr.* 6:58-60.

SKINNER B., 1986: Colour identification Guide to the Moths of the British Isles (Macrolepidoptera). pp. x + 267, pl. 42. *Penguin Books Ltd.* England.

SOUTH R., 1961: The Moths of the British Isles. Vol. 1. pp. 427; vol. 2. pp. 379. F. Warne, England. 1962: The Butterflies of the British Isles. pp. 212. F. Warne, England.

THOMSOM G., 1973: Geographical variation of *Maniola jurtina* (L). *Tidjschrift voor Ent. deel* 116 (12): 183-229.

TOLL S., 1962: Materialien zur Kenntnis der palaeartischen Coleophoriden. *Acta Zool. Cracov. 7:* 577-720.

VALLETTA A., 1945: Tagħrif fuq il-Friefet tal-Passa. *Il-Bidwi* Mar. 15th. p. 3. 1972: The Butterflies of the Maltese Islands. *Progress Press.* pp. 64. 1973: The Moths of the Maltese Islands. *Progress Press.* Malta 120 p. 1983: Mit-Tfulija man-Natura (Awtobijografija). Malta pp. iv + 59. 1988: The Crimson-speckled Moth *Uthetheisa pulchella* L. (Lepidoptera: Arctiidae) in the Maltese Islands. *Potamon* 2(16): 148-150.